

Brussell, 21 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15676/23

DEVGEN 210
NDICI 30
ACP 117
RELEX 1348
FIN 1192

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	21 ta' Novembru 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13420/23	
Suġġett:	Rapport Speċjali 14/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-Programmazzjoni tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali - Konklużjonijiet tal-Kunsill (21 ta' Novembru 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali 14/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-Programmazzjoni tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, kif approvati mill-Kunsill fit-3985 laqgħa tiegħu li saret fil-21 ta' Novembru 2023.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali 14/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri
dwar il-Programmazzjoni tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta'
Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali**

1. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport Speċjali 14/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-Programmazzjoni tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali). Huwa jilqa' b'mod partikolari s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti. Ir-Rapport Speċjali joffri kontribut importanti għall-proċessi li għaddejjin tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-NDICI-Ewropa Globali.
2. L-eżerċizzju ta' programmazzjoni tal-NDICI-Ewropa Globali ġie inkwadrat mill-prinċipji ta' programmazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 12, 13 u 19 tar-Regolament (UE) 2021/947 ("ir-Regolament NDICI-Ewropa Globali"). Dawn il-prinċipji ġew tradotti f'oqsma ta' prijetà konkreti, setturi ta' intervent, objettivi speċifiċi, riżultati mistennija u allokkazzjonijiet indikattivi għall-azzjonijiet tal-UE fil-livelli ta' pajjiż, multinazzjonali, reġjonali u globali, li għandhom l-għan li jsaħħu l-iżvilupp sostenibbli. Il-Kunsill jirrikonoxxi s-sejba tar-Rapport Speċjali li s-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE jużaw metodoloġiji differenti biex jistabbilixxu l-allokkazzjonijiet finanzjarji fil-programmi tal-Viċinat u dawk mhux tal-Viċinat.
3. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' t-tlestija tal-eżerċizzju ta' programmazzjoni għall-maġġoranza l-kbira tad-dokumenti ta' programmazzjoni ppjanati inqas minn sitt xhur wara l-adozzjoni tar-Regolament NDICI-Ewropa Globali u l-att delegat relatat tiegħu. Dan iippermetta implimentazzjoni baġitarja rapida u kontinwità sħiħa tal-kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi u reġjuni sħab, inkluż permezz tal-programmi tematiċi.

4. Il-Kunsill jissottolinja li mit-tlestija tal-programmazzjoni tal-programmi indikattivi pluriennali (MIPs) tal-NDICI-Ewropa Globali, id-dinja kienet qed tiffaċċa sensiela ta' kriżijiet interkonnessi, inkluż il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19. Dawn il-kriżijiet multipli qed idgħajfu l-kapaċitajiet tal-pajjiżi sħab biex jindirizzaw l-isfidi persistenti tal-faqar, it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, il-kunflitt, l-insigurtà tal-ikel, l-inugwaljanzi li qed jikbru u t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, b'riperkussjonijiet serji għall-migrazzjoni u l-ispostament furzat. F'nofs il-perjodu ta' implimentazzjoni tagħha, l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha jinsabu f'riskju, b'mod partikolari fost il-pajjiżi sħab fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli u fraġli. Abbażi tal-proċess ta' programmazzjoni konkluż fl-2021, l-implimentazzjoni tal-NDICI-Ewropa Globali fi spirtu ta' Tim Ewropa ser tippermetti lill-UE tindirizza l-isfidi ġeopolitiċi, filwaqt li tintegra l-prijoritajiet u l-ħtiġijiet ta' żvilupp tal-pajjiżi sħab.
5. Il-Kunsill itenni l-ambizzjoni tal-UE li tinvolvi ruħha mal-pajjiżi sħab b'mod strateġiku u fuq bażi ugwali, permezz ta' djalogu bejn diversi partijiet ikkonċernati bbażat fuq l-approċċ tal-politika l-ewwel, il-bini ta' sħubijiet b'saħħithom u ta' benefiċċju reċiproku bbażati fuq valuri kondiviżi, interessi komuni, priyoritajiet ta' politika konġunti u sjieda lokali tal-azzjonijiet. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu kontinwament l-effiċjenza, it-trasparenza u l-impatt għoli tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE ma' pajjiżi sħab.
6. Il-Kunsill jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li s-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE fasslu programmi ġeografiċi komprensivi, li jindirizzaw firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab u priyoritajiet tal-UE. Huwa jilqa' wkoll ir-rikonoxximent tal-konsultazzjonijiet wesgħin, inklużivi u komprensivi mwettqa u sussegwentement riflessi fl-għażla tal-oqsma ta' priyorità għall-kooperazzjoni u s-sħubijiet. Il-Kunsill iħeġġeġ lis-servizzi tal-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex itejbu l-koordinazzjoni bejn id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-Ambaxxati tal-Istati Membri f'pajjiżi sħab, lil hinn mill-kondiviżjoni tal-informazzjoni, biex ikomplu jsaħħu l-approċċ ta' Tim Ewropa u l-koerenza tal-azzjoni kollettiva. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-inklużjoni tal-Istati Membri b'Ambaxxati mhux residenti.

7. Il-Kunsill jieħu nota tas-sejba tal-Qorti li l-għadd ta' strateġiji ta' programmazzjoni konġunta għadu limitat u li l-oġettiv tar-Regolament NDICI-Ewropa Globali li l-programmazzjoni konġunta ssir l-approċċ preferut għall-programmazzjoni tal-pajjiżi għadu ma ntlaħaqx, peress li l-enfasi nbidlet lejn l-Inizjattivi ta' Tim Ewropa. F'dan ir-rigward, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex terġa' tibda l-immappjar regolari tal-attivitajiet ta' programmazzjoni konġunta. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-kontribut qawwi tal-approċċ ta' Tim Ewropa u l-Inizjattivi ta' Tim Ewropa għall-prinċipju ta' ħidma aħjar flimkien tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE.
8. Il-Kunsill jilqa' b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni tal-Qorti dwar il-ħtieġa li tittejjeb il-metodoloġija għall-allokazzjoni ta' fondi lill-pajjiżi tal-Viċinat u jirrikonoxxi l-importanza ta' dokumentazzjoni ulterjuri u l-applikazzjoni konsistenti tal-metodoloġija ta' allokazzjoni tal-programmi mhux tal-Viċinat. Il-Kunsill jenfasizza l-valur tal-integrazzjoni reġjonali u l-impatt ta' programmi indikattivi pluriennali reġjonali inklużivi. Il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex jikkunsidraw dawn ir-rakkomandazzjonijiet fil-proċess li għaddej tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-istrument NDICI-Ewropa Globali u biex iħejju metodoloġija ta' allokazzjoni standardizzata, komparabbli, trasparenti u dokumentata tajjeb biżżejjed għall-eżerċizzju ta' programmazzjoni li jmiss. Il-Kunsill jistieden lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex jidentifikaw oqsma fejn hija possibbli aktar standardizzazzjoni. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jiġu minimizzati d-differenzi metodoloġiċi bejn ir-reġjuni abbażi ta' valutazzjonijiet politiċi adegwati, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali rilevanti.
9. Il-Kunsill ifakkar fin-natura speċjali tas-sħubijiet mal-pajjiżi tal-Viċinat, skont il-prinċipju ta' differenzjazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, rifless fin-natura mħallta tal-kriterji ta' allokazzjoni fl-NDICI-Ewropa Globali. Dan jinkludi indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi, inkluż l-impenn għar-riformi u l-livell ta' ambizzjoni tas-sħubijiet mal-UE.
10. Il-Kunsill jilqa' l-introduzzjoni tal-qafas tar-riżultati tal-Ewropa Globali bħala għodda ewlenija ta' monitoraġġ li tippermetti lill-UE tirrapporta dwar ir-riżultati aggregati miksuba fil-livell tal-NDICI-Ewropa Globali. Huwa jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem fuq id-definizzjoni ta' indikaturi, linji bażi u miri ewlenin, u jissottolinja r-rilevanza tal-preżentazzjoni regolari tar-riżultati aggregati fil-gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill.

11. Il-Kunsill jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Qorti dwar it-tisħiħ tal-monitoraġġ ibbażat fuq ir-riżultati. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tissimplifika u tiżgura użu konsistenti ta' indikaturi, bl-għan li tiġi ffaċilitata l-aggregazzjoni tad-data, inkluż mill-Istati Membri. Filwaqt li jinnota li l-programmi indikattivi pluriennali adottati kollha integraw l-użu ta' indikaturi korporattivi, aktar minn 20 % ma għandhomx linji bażi jew indikaturi ċari. Il-Kunsill ihegġegħ lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex jaħtfu l-opportunità offruta mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-programmazzjoni tal-NDICI-Ewropa Globali biex jittejjeb l-użu tal-indikaturi.
12. Il-Kunsill jilqa' b'mod speċjali s-sejbiet tal-Qorti relatati mal-ħtieġa li l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżerċizzju ta' programmazzjoni jkun aktar iffukat. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jieħu nota tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti li jipposponi l-elementi mhux obbligatorji għall-fażi ta' implimentazzjoni u jistieden lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE, fi ħdan il-mandat tagħhom, biex jadottaw dan l-approċċ iffukat għall-eżerċizzju ta' programmazzjoni li jmiss, filwaqt li jżommu l-flessibbiltà meħtieġa għall-programmazzjoni pluriennali.
13. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza ta' dokumentazzjoni ulterjuri tal-metodoloġija għall-istabbiliment tal-allokazzjonijiet għall-pajjiżi mhux tal-Viċinat, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa għal valutazzjonijiet kwalitattivi lokalizzati. Il-Kunsill jinnota li l-metodoloġija għall-eżerċizzju ta' programmazzjoni li jmiss għandha tkun aktar standardizzata u komprensiva minn dik użata għall-NDICI-Ewropa Globali. Il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex iżommu t-trasparenza u l-koerenza, jippromwovu l-mobilizzazzjoni u l-użu effettivi tar-riżorsi domestiċi u jqisu l-kapaċità ta' assorbiment tal-pajjiżi sħab.
14. Il-Kunsill jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li tindirizza l-ħtieġa li tiġi ċċarata l-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-impatt tal-iżvilupp li joħroġ mill-appoġġ tal-UE fil-pajjiżi sħab. F'dan ir-rigward, huwa jistieden lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex itejbu l-metodoloġija biex juru aħjar ir-riżultati u l-impatt effettiv tal-iżvilupp li joħroġ mill-appoġġ tal-UE għal oqsma ta' prijorità magħżula u/jew setturi ta' kooperazzjoni. Dan ser ikun importanti fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu li għaddej tal-NDICI-Ewropa Globali, fid-dokumenti ta' programmazzjoni għall-eżerċizzju ta' programmazzjoni li jmiss u fil-komunikazzjoni strateġika mas-sħab tal-iżvilupp.

15. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li nibnu fuq l-Inizjattivi ta' Tim Ewropa u l-istrateġija Global Gateway biex tittejjeb il-viżibbiltà tal-azzjonijiet tal-UE u jissaħħaħ id-djalogu politiku mal-pajjiżi sħab. Għal dan l-għan, huwa jfakkar li l-valutazzjoni tal-impatt tal-azzjonijiet tal-UE permezz ta' indikaturi affidabbli hija essenzjali biex ikun hemm komunikazzjoni aħjar dwar il-kisbiet tal-UE u biex jintwera l-valur miżjud ta' dak li għandu x'joffri Tim Ewropa.
-